Ikkofinanzjat
mill-Unjoni Ewropea

# Ġisem. Ġrajja. Post.

Workshops tal-kitba tal-esej personali
għall-**istudenti postsekondarji tal-Junior College**

Frar-Marzu 2025

Dawn l-esejs personali nkitbu waqt żewġ workshops ta' siegħa u nofs ta' kitba li għamilt mal-istudenti postsekondarji tal-Malti tal-ewwel sena tal-Junior College fi Frar u Marzu tal-2025. Il-workshops għamilthom bl-għajnuna tal-letturi Kit Azzopardi u Leanne Ellul u bl-appoġġ ta' Dr David Aloisio, Kap tad-Dipartiment tal-Malti fil-Junior College. Hemm studenti li bdew jaħsbu u jiktbu qabel l-ewwel sessjoni; tista' tgħid li kollha kitbu jew komplew jiktbu waqt is-sessjonijiet, u oħrajn li kitbu wkoll bejn sessjoni u oħra, u wara. Meta għaddejtilhom il-kummenti tiegħi, uħud mill-istudenti mhux biss qiesu dak li għedtilhom imma għażlu li jkomplu jiktbu.

B'xi mod, dawn is-sessjonijiet ta' kitba lliberawhom: ħassewhom li setgħu jiktbu fuq dak li jridu u, ftit jew wisq, kif iridu. Qabel l-ewwel sessjoni, permezz tal-letturi tagħhom, tlabthom jilħqu jaħsbu fuq post għal qalbhom biex imbagħad ikunu jistgħu jiktbu fuqu meta niltaqgħu, u ħadt l-impressjoni li numru ta' studenti hekk għamlu.

Fil-bidu tal-ewwel sessjoni tkellimna dwar il-ġeneru tal-esej personali skont il-mudell ta' Michel de Montaigne kif interpretah l-awtur Tim Parks. Insistejt fuq il-vuċi fl-ewwel persuna, fuq ir-rakkont jew rendikont ta' post li kien jew għadu jeżisti, fuq ġrajjiet li seħħu tassew, u fuq il-ħtieġa tal-kreattività letterarja. Insistejt ukoll li dan ma kellux ikun bħall-esej argumentattiv tas-sillabu, jew xogħol bi struttura riġida oħra, imma spazju għall-isperimentazzjoni individwali tagħhom.

Tkellimna wkoll fuq it-tema ewlenija tas-sessjonijiet "Ġisem. Ġrajja. Post." u fuq il-prominenza tal-post f'dak it-titlu, fuq kif tista' tiddeskrivi post minn barra imma titkellem ukoll fuq xi jfisser għalik minn ġewwa. Waqt il-workshops rajt lill-istudenti jiktbu bil-qalb u ħafna minnhom kienu ħerqanin biex jaqraw il-kitba tagħhom, minkejja li dan kienu se jagħmluh quddiem kulħadd.

Fost ħafna minn dawn l-istudenti ta' madwar sittax, sbatax-il sena kien hemm ħerqa kbira – mhux għax issuġġerejtilhom jew ħeġġiġthom jagħmluha jien – li jiktbu fuq id-djar tal-familja jew iż-żmien tat-tfulija tagħhom. Kien hemm ukoll min kiteb fuq postijiet pubbliċi marbutin mat-tfulija, fosthom il-bandli jew it-toroq fi żmien il-festa. Dan il-ġeneru tal-esej donnu fetaħ il-kaxxa tal-esperjenza personali tal-istudenti li ftit li xejn tinfetaħ matul l-istudji postsekondarji tagħhom.

Nixtieq nirringrazzja lil dawk iż-żgħażagħ kollha li ġew għal dawn is-sessjonijiet ta' kitba u taw sehemhom fid-diskussjoni; u nirringrazzja b'mod speċjali lit-tmien studenti li għażlu li jibagħtuli l-kitbiet tagħhom. Lill-istudenti kollha nħeġġiġhom biex jiktbu: mill-qari se jsibu ħafna ispirazzjoni biex jiktbu huma wkoll u permezz tal-kitba jirriflettu b'mod ħieles u kreattiv fuq dak li hu importanti għalihom.

Adrian Grima

Novembru 2025

Werrej


Alizah Cauchi, **Dik il-ġibda 'l fuq**

Julia Darmanin Inglott, **Żewġ ċpiepet ħomor u ħodor**

Martina Salerno, **L-Għadira biss**

Matthea Grech, I**l-post tat-tfulija**

Michela Mizzi, **Tifkira ta' Mħabba li Qatt Ma Tmut**

Ramon Caruana, **Dehxa Antika**

Sarah Buhagiar, **Il-Ħabbata**

Sven Demicoli, **Fejn il-Qalb Tistrieħ**

Alizah Cauchi

## Dik il-ġibda ’l fuq

Meta kont tifla, il-bandli kien l-iktar post fejn kont inħossni ħielsa. Kien il-post tal-logħob, tal-ħolm u tal-ħbiberiji. Ħafna drabi kont immur il-ġnien ma’ sħabi, u b’dawk il-bandli sempliċi konna noħolqu avventuri kbar. Kull titjira ’l fuq kienet bħal vjaġġ lejn l-ispazju, u kull moviment lura kien ifakkarni li għadni tifla, marbuta mal-art imma b’moħħi miftuħ għall-possibbilitajiet kollha

Meta bdejt nikber, il-bandli bdew jitilfu ftit mill-maġija tagħhom. Ma baqgħux biss għodda ta’ logħob, imma saru simbolu ta’ nostalġija. Kultant kont ngħaddi minn ħdejn il-ġnien li darba kien id-dinja tiegħi u nħoss id-daqqa ta’ diqa ħelwa. Il-bandli kienu għadhom hemm, imma jien kont inbidilt. Issa kont nara t-tfal jiddawru bihom, jilagħbu u jidhku kif kont nagħmel jien snin qabel. Kont nifhem li dak li darba kien il-palk tal-ferħ tiegħi, issa kien il-palk ta’ ħaddieħor.

Iżda, fil-fond ta’ qalbi, il-bandli jibqa’ simbolu tat-tfulija, memorja ta’ żmien bla ħsibijiet għax ħsiebna kien biss kemm se nogħlew. Kemm-il darba f’mumenti ta’ nostalġija kont nerġa’ nitla’ fuq bandla, nieħu dik il-ġibda ’l fuq u l-waqgħa lura, u għal ftit sekondi nerġa’ nsib dak is-sens ta’ ħelsien li llum il-ġurnata spiss ninsieh.

Għalkemm iż-żmien jgħaddi u l-ħajja tkompli, naf li l-memorja ta’ dawk il-mumenti sempliċi se tibqa’ titbandal f’qalbi għal dejjem.

—

Julia Darmanin Inglott

## Żewġ ċpiepet ħomor u ħodor

Id-dar tan-nanna laqqa' l-familja kollha. Kull darba li tidħol fiha tilqgħak riħa ta' lewż mixwi, larinġ magħsur, jew xi argument kontemporanju dwar il-politika. It-ton ferrieħi tan-nanniet iġib miegħu memorji tat-tfulija li ma jintesew qatt, memorji li jvarjaw minn xi ċajta repetuta tan-nannu, sa xi storja tan-nanna Salvina ta' żmien il-gwerra, għax minkejja l-kalvarju li kultant tirrakkonta, xorta kapaċi tnissillek tbissima fuq fommok.

L-aktar memorji għal qalbi ma' nannti minn dejjem kienu tagħna nsajru jew nilagħbu mal-kelba. Dejjem jispiċċaw b'xi pizza maħruqa jew b'xi ballun mitluf f'xi siġra tal-ġirien. Il-ħsibijiet li kienet taqsam magħna dejjem kienu rifless tal-intenzjonijiet puri tagħha, u llum, wara tant snin, nifhem nifhem minn fejn nibtu.

Nannti mara xwejħa u twajba li minkejja t-tbatija li sofriet fis-snin bikrin tagħha rnexxielha trabbi karattru sod li fih jispikkaw is-sempliċità, is-solidarjetà u s-simpatija. Minn ċkuniti dejjem qanqlet fija sens ta' ammirazzjoni, għax kull sekonda li qattajt inħares lejha komplejt ngħożżha b'kulma kelli. Kienet l-hena tiegħi nosserva l-mod li bih tesprimi l-imħabba lejn ħaddieħor, fosthom il-ġentilezza li biha twennes lin-nannu u tara li jieħu l-kura tiegħu, u l-inabiltà li tgħid le meta ħaddieħor jitlobha tgħinu.

Kull darba li mmur s'għandha, anke jekk ngħidilha li qed nipprova xi dieta ġdida, toffrili xi ħaġa żgħira tal-ikel: kisra ħobż jew xi ħaġa tal-ħelu, bl-iskuża li ħafifa u allura ma tantx fiha kaloriji.

Mara tar-rispett in-nanna, b'għajnejha kristalli kannella u tbissima tgħajjat fuq fommha.

Dan il-kliem kollu li ddeskrivejt lin-nanna bih mhuwiex sinifikanti biżżejjed sabiex ipitter il-perfezzjoni tagħha. Ħadd qatt ma jista' jferraħni iktar mit-tbissima li kellna

meta morna ġurnata Għawdex fil-vaganzi tal-Milied ftit xhur ilu. Xtrajna brazzuletta tal-fidda. Żewġ ċpiepet ħomor u ħodor, li ħadniehom bl-irħis, però f'qalbi m'għandhomx prezz għax jorbtuni man-nanna.

---

Martina Salerno

## L-Għadira biss

M'għadnix nibża' u nitqażżeż nirfes. M'għadnix inħoss dik il-weġgħa skomda. Qoxorti ħarir, u d-dehxa li s-soltu tiġri mill-għadma ta' wara għonqi u ddur u titgħaqqad ma' kull rukkell tas-sinsla ta' dahri, donnha għebet ukoll.

Hekk kif tgħaddi żiffa ħafifa, jittantani l-fdal tal-posidonja u jimlieli mnifsejja biex ifakkarni li żmienha għad jerġa' jasal. F'ħalqi għandi togħma familjari: tinfirex ma' lsieni bħal-liżar u griżmejja nħosshom jingħafsu bl-aptit. Imbagħad jistrieħu b'boqqa ilma kiesħa, ħelwa daqs żewġ kuċċarini zokkor, u ħalqi jitlaħlaħ mit-taħlita sajfija li kull Malti taqagħlu żaqqu għaliha. Erba' passi 'l hinn minni hemm erbat itfal kulur is-silġ jibnu l-kastelli – kastelli kbar, kastelli żgħar. Il-monarkija jidhru li huma familjari magħha sew. U jien? Minn ċkuniti ma rajtx ħlief dak il-kastell aħmar li joqgħod fil-pala t'idi.

Imma l-ħmura, iva, il-ħmura naf x'inhi. U s-sabbara li sserraħ, kiesħa bħal lewn dawk it-tfal. Imbagħad id-deni, u moħħi jikwi bħal dak il-ballun lelluxi li Ikaru dejjem jinkini bih, sospiż fuq rasi, u qoxorti ħarir tibda titqaxxar. Kif jibred, il-ballun jerġa' jitfgħu lura postu u l-għada, ma' tlugħ ix-xemx, id-dawl donnu stedina oħra biex nerġgħu nilagħbu. U jien nerġa' mmur. Nerġa' mmur. Nerġa'.

Tgħid Ikaru jilgħab mat-tfal tal-bajjiet l-oħra, jew togħġbu l-Għadira biss?

—

Matthea Grech

## Il-post tat-tfulija

F’din il-gżira daqs tikka ssib ħafna teżori u ġojjelli li mhux ta’ min wieħed jitlifhom, fosthom il-bajjiet. Fix-xitwa jkunu kwieti u fis-solitudni għax ħadd kważi ma jmur iżurhom, iżda fis-sajf jeqirdu mod ieħor għax ikunu mifqugħin daqs bajda. Fil-fatt, l-għajjat u t-twerżiq tat-tfal ma jonqosx, u dan jibqa’ jtektek u jtektek ġo rasi.

Bajja li kienet għal qalbi meta kont ċkejkna hija l-bajja ramlija ta’ Birżebbuġa. Malli tasal hemmhekk, fil-bogħod kont tara xi ħaġa li kienet tispikka mal-kumplament tal-bini li kien hemm. Fil-verità, għalija ma kienet xejn ta’ barra minn hawn, iżda l-lewn tagħha jixgħel daqs ix-xemx li kienet taqli l-ankri kienet tiġbed l-attenzjoni ta’ ħafna nies, speċjalment tat-turisti li xħin jintebħu biha kienu jibqgħu b’ħalqhom miftuħ: id-dar tal-bużnanna Tereża.

Din kienet dar safra lellux b’sular wieħed. Kienet mibnija fuq stil barokk u kellha l-ħabbata forma ta’ ljun, li xħin tersaq viċin taħsbu li ħa jigdmek daqskemm kien feroċi. Fuq in-naħa tal-lemin, kien hemm siġra tal-larinġ li ħafna drabi kienet tispiċċa bla larinġ għax kulħadd moħħu biex jiekol minnu daqskemm kien ikun frisk u bnin. Fuq in-naħa tax-xellug kien hemm siġra tal-lumi li ħdejha kienu jintefgħu ruxxmata xjuħ li kienu joqogħdu jilħqu salib ħaddieħor.

Iżda ħdejn l-attività li kien ikun hemm fuq ġewwa, il-ħamba fit-triq ma kienet xejn. Kif tirfes l-għatba ta’ barra l-ewwel li kienet tilqgħek kienet ir-riħa tal-ikel. Daqqa xi riħa ta’ ħobż biż-żejt, daqqa ta’ mqarrun il-forn u daqqa ta’ xi borma minestra. Sal-lum għadni nxomm ir-riħa tfuħ tal-memorji.

Imma apparti r-riħa li taqsamlek qalbek, ma nistax ninsa dak it-tapit aħmar tal-bellus. Għalkemm il-bużnanna kienet tgħidilna biex ma ninżgħux iż-żarbun, kollha kemm aħna konna ninżgħuh għax konna nibżgħu li ħa nħammġuh.
Kif tibda miexja ftit ieħor ’il ġewwa, kont tara ħafna inkwatri li juru postijiet u pajjiżi differenti. Il-bużnanna qatt ma siefret għax kienet tibża’ u għalhekk kull

darba li kienet tgħaddi minn ħdejhom kienet timraħ f'artijiet imbiegħda.

Imbagħad fuq ix-xellug kont tara gradenza mdaqqsa tal-injam. Fuqha kien hemm inkwatru speċjali għax fih kien hemm ritratt tal-familja kollha. Fl-aħħar tal-kuritur kien hemm mejda żgħira u fuqha armata sħiħa ta' santi, kuruni u tpinġijiet ta' Ġesù, għax il-bużnanna kienet reliġjuża ħafna. Fil-fatt, meta kien ikun hemm il-kwiet kont tismagħha tgħid ir-rużarju.

Iktar 'il ġewwa kien hemm il-kċina fejn kont issib l-iktar affarijiet sempliċi u essenzjali, platti u borom, il-forn, u l-bqija. Qabel ma kienx hawn l-għodda u l-apparat teknoloġiku li nsibu llum u għalhekk ħafna mill-affarijiet kienu jagħmluhom b'idejhom.

Ħdejn il-kċina kien hemm ġardina żgħira fejn il-bużnanna kienet tiżra' xi ħxejjex, fosthom patata, tadam, nagħniegħ u basal. Hemmhekk kont inħossni fis-seba' sema għax kien ikun hemm naqra żiffa ħelwa. Qabel ma kellhomx arja. Sa fann bażiku kienu jaslu. Għalkemm kien diġà kien hemm min kellu, il-bużnanna ma riditx tonfoq flus fix-xejn. Żewġha Ċikku kien ħalliena, u ma tantx kellha minn fejn tonfoq. Imma jkolli ngħid, l-isbaħ ħaġa minn dik id-dar kont issibha fl-ewwel sular, kamra żgħira mitluqa u kollha trab. Fiha kont issib xkafef mimlijin kotba u għadd ta' pitturi li kien penġa l-bużnannu ftit qabel ma miet.

Għalkemm xħin tidħol kont ixxomm riħa qawwija ta' għeluq u umdità, xħin tilmaħ il-gallarija tal-injam, kull ħsieb kien itir. Kienet gallarija bluna bi strixxi bojod u meta tiftaħ il-purtieri kont tibqa' mbellah bil-veduta li tara. Hemmhekk kont inqatta' sigħat sħaħ naqra xi rumanz. Ġieli kien jiġi Tommy, l-għasfur il-boċċu kollu lwien, li mhux darba u tnejn kien jintefa' jgħanni melodija kalma. Ġieli wkoll kont nagħtih xi biċċa ħobż friska li tkun preparatli nannti. Ta' kuljum kont immur f'dik il-kamra u tgħidx kemm għamilt memorji għax kont insib l-hena u l-paċi sakemm.

Kollox inbidel meta mietet il-bużnanna. F'dik id-dar ma tħallejtx immur aktar għax

it-tfal tagħha ddeċidew li jitfgħuha għall-bejgħ. Wara ftit xhur xtrawha koppja żagħżugħa, li l-ewwel ma għamlu kien li waqqgħuha biex minflokha jinbena blokk appartamenti. Jien ma flaħtx naraha titfarrak. Kienu qishom daħħluli sikkina f'qalbi, għax il-memorji ta' tfuliti ġew imħassrin u midfunin taħt il-borġ fdalijiet tad-dar.

Minn dakinhar 'l hawn qatt ma rsaqt aktar lil hemm. Dak il-post umbrajtu u ma rridx narah aktar b'għajnejja. Huwa kapitlu tal-imgħoddi li ngħalaq darba għal dejjem meta ngħalaq iċ-ċens ta' Tereża.

—

Michela Mizzi

## Tifkira ta' Mħabba li Qatt Ma Tmut

Kull sena, meta joqrob Awwissu, l-eċitament jibda jinħass fid-djar u fit-toroq tal-Ħamrun. Għalija, il-festa tal-Ħamrun mhijiex biss ġurnata ta' ċelebrazzjoni, iżda t-tifkira ħelwa ta' żmien li qatt ma ninsa, il-mumenti li qattajt ma' nannuwi. Kien hu li għallimni x'inhi l-vera festa, mhux biss il-logħob tan-nar u l-baned, imma wkoll il-komunità, l-imħabba u l-għożża għall-wirt Malti.

Kollox kien jibda ġimgħat qabel. In-nannu kien joħodni miegħu fil-każin tal-banda fejn kont nara u nisma' n-nies jiddiskutu u jippjanaw il-festa b'ħeġġa kbira. Imbagħad kont nara n-nies jaħdmu fuq l-armar, itellgħu l-bnadar fuq il-bjut, u jagħżlu l-marċi. Kien jgħidli: *"Il-festa mhix biss ġimgħa waħda. Il-festa xhur sħaħ ta' ħidma u mħabba."*

Il-ġurnata tal-festa kienet tibda kmieni. In-nannu kien iqum eżatti xħin jisbaħ biex imur il-knisja, u jien kont norqod ftit ieħor sakemm l-arja tibda timtela bil-ħoss tal-banda. Imbagħad, minn fuq l-imħadda, nisma' leħnu eċitat: *"Qum, il-festa ma tistenniekx!"* Il-ħoss tal-marċi, in-nies bil-flokkijiet tal-banda li jżommu magħha, u l-briju li jkun hemm kienu jimlewli qalbi bil-ferħ.

L-aqwa parti tal-ġurnata kienet il-marċ il-kbir ta' filgħodu. Kont nara lin-nannu jitbikkem meta tgħaddi l-banda, u kienet tinżillu xi demgħa 'l hemm u 'l hawn. Kien jirrakkontali kif, meta kien żgħir, missieru kien jerfgħu fuq spallejh, l-istess kif issa kien qed jerfa' lili. Kienet tradizzjoni li tgħaddi minn ġenerazzjoni għal oħra.
Meta x-xemx kienet tibda nieżla, in-nies kienu jinżlu lura d-dar, jinħaslu, jilbsu pulit, u jerġgħu jinġabru quddiem il-knisja biex jaraw lil San Gejtanu jidħol lura fil-knisja bil-ġirja. Dak il-ħin, in-nannu kien jitkellem fuq kemm kienet saret kbira l-festa, fuq kif in-nies tal-antik kienu jifirħu wkoll, u kemm kienu kburin bil-patrun tagħhom. Il-ħoss tal-briju, it-tidwir tan-nies b'ferħ, u d-dawl kienu joħolqu atmosfera maġika.

Għalkemm illum in-nannu m'għadux magħna, kull sena, meta t-toroq tal-Ħamrun jerġgħu jimtlew bil-marċi u bin-nies, inħoss li għadu hemm. Il-festa tal-Ħamrun mhix

biss briju u kant, iżda t-tifkira tal-imħabba u l-għaqda li kien hemm bejnietna jien u hu. Għalija, kull darba li nisma' l-banda, narah jixxejjer u jitbissem, bħallikieku l-festa qatt ma waqfet għalih. Kultant, meta t-trombi tal-banda jibdew jinstemgħu fit-toroq, inħoss għafsa f'qalbi. Imma flok inħalli d-dwejjaq ibikkimni, nipprova niftakar fil-ferħ li kien iġib miegħu u l-imħabba li kellu għal din il-festa. Niftakar fi kliemu, fid-daħka tiegħu, u fil-mod kif kien jgħix dawn il-jiem bil-forzi tiegħu kollha.
Għalkemm m'għadux magħna, l-ispirtu tiegħu jibqa' ħaj f'din il-festa li tant kienet għal qalbu. Kull daqq tal-banda, kull armar, kull nar li jaħarqu minn fuq il-bejt tal-każin ta' fuq, jgħaqqduni miegħu, bħallikieku għadu miexi miegħi qalb il-folla, iħares lejja b'dik it-tbissima sħuna li qatt ma ninsa.

Il-festa tal-Ħamrun man-nannu kienet u għadha l-isbaħ parti tas-sajf tiegħi, meta d-dinja tieqaf u tiċċelebra l-ħajja, it-tradizzjoni u l-familja.

—

Ramon Caruana

## Dehxa Antika

Fi Triq Ferdinando Falzon, fil-kantuniera tal-pjazzetta, hemm dar pjuttost normali. Dar normali għal kulħadd, imma mhux għalija. F'dik id-dar qattajt l-ewwel tmien snin ta' ħajti dieħel u ħiereġ. Illum m'għadnix nista' nidħol meta rrid, iżda kull ċans li jkolli ngħaddi minn quddiemha biex taqbadni dehxa antika. U biex niftakar id-dettalji qisu lbieraħ.

Dar nadifa tazza, kollox ileqq u kollox f'postu. Kmamar li rari jinfetħu biex il-kontenut ta' ġo fihom jibqa' ppreservat. L-għamara robusta, tqila, magħmula b'xogħol tal-idejn u skultura li llum m'għadekx issib bħalha. Kollox magħmul minn kewba mastizz. Id-dar tispikka b'kamra fuq kull naħa tal-entratura. Fuq naħa minnhom, is-salott majestuż, replika tas-salott li jinstab ġewwa Buckingham Palace – fis-sala magħrufa bħala 'The Blue Drawing Room.' Mal-ħajt tal-ġenb hemm bureau li fiha artefatti l-ġmiel tagħhom, magħmulin mill-fidda, porċellana u kristall fin.

Din l-għamara kienet wisq taffaxxinani. Niftakarni mmelles il-wiċċ ta' din il-kaxxa kbira, b'għatu oħxon. Kont dejjem insaqsi lili nnfsi, "Min jaf x'hemm ġo fiha, din il-kaxxa li nisma' lil ommi u lil nannti jirreferu għaliha bħala 's-senduq'?" Fuq il-wiċċ ta' dan is-senduq, għajnejja kienu jitpaxxew b'pittura kbira u sabiħa ta' wied bi xmara maġenb bosk. Din il-veduta kienet imdawra bi nkwatru dehbi oħxon sitt pulzieri, u waqt li kont insib ruħi niċċassa lejha, kont noqgħod nisma' t-tokki tal-grandfather clock idoqqu l-Westminster Chimes jirbumbjaw ġo widnejja.

U xi ngħidu għall-fanali u l-kristalli imdendlin ileqqu u jirriflettu l-kuluri kollha tal-qawsalla? Ma nistax ma nsemmix il-kamra tal-pranzu li għadni ngawdi sal-ġuranta tal-lum għax tinsab fid-dar tiegħi. F'din il-kamra kont issib mejda bis-siġġijiet li ma tispiċċa qatt. Kont issib ukoll settijiet ta' platti, kikkri u dak kollu li għandu x'jaqsam mall-avvenimenti ta' stedin. Fit-tarf tas-sideboard kienu jispikkaw żewġ gandlieri bix-xemgħat twal u ċentru imnaqqax bil-fjuri tal-fidda. Iktar 'il ġewwa kont tidħol fil-kċina, il-kamra li tgħaqqadna bħala familja. F'din il-kamra la kien hemm xenxilli u

lanqas lussu. Ta' tifel li kont niftakarni nitla' għarkupptejja fuq is-siġġu biex inlaħħaq mal-mejda sabiex nisma' sew dak li jkunu qed jirrakkuntaw il-kbar. Għaldaqstant, dejjem kont niżżattat ħalli nagħti l-opinjoni tiegħi.

Kull ma kont nixtieq, in-nanna kienet tagħtihuli, daqqa xi platt minestra u daqqa froġa. Xi biċċa ċikkulata ma kinitx tonqos.  Kemm dort mal-balavostri tat-taraġ u smajt lin-nanna tgħajjat għax kienet tibża' li naqa' għal isfel! Kont nieħu gost nagħmel għal tal-apposta biex niġbed l-attenzjoni. Għaddew dawk is-snin ta' meta kont norqod fil-kamra tas-sodda magħha u nixgħel u nitfi l-lampa ta' fuq il-komodina li kellha globu kbir tal-ħġieġ. Telqu ukoll dawk is-snin li kont nitrekken magħha fuq is-sufan tal-ġilda kiesaħ silġ waqt li naraw it-televiżjoni flimkien.

X'memorji sbieħ qed inqanqal, memorji li ma jispiċċaw qatt, u li ħa nġorrhom tul ħajti kollha. Nixtieq nreġġa' ż-żmien lura, imma sfortunatament din hija ħaġa li ħadd ma jista' jagħmilha. Kull ma nista' nagħmel hu li nirrakkonta bid-dettall u l-preċiżjoni sabiex inkun nista' nerġa' ngawdi dawk il-mumenti. Din hi d-dar tan-nanna, dar li noħlom li xi darba forsi tkun tiegħi, sakemm ma tispiċċax terrapien u mibdula fi blokka konkrit bħalma sirna naraw daż-żmien!

—

Sarah Buhagiar

## Il-Ħabbata

Għadni niftakar il-ħabbata mal-bieb ta' barra, niftakar kif ommi kien ikollha terfgħani biex nilħaqha. Kull nhar ta' Sibt konna mmorru u kien ikolli ġenn kbir biex jasal dak il-jum sabiex nasal f'dal-post li tul iż-żmien sar parti minni. Iżda issa l-ġimgħa ilha li għaddiet u magħha għaddew ukoll għaxar snin, issa l-ħabbata kapaċi nilħaqha waħdi iżda nħabbat kemm inħabbat il-bieb ma jinfetaħ qatt.

Il-familja kollha kienet tingħaqad ġod-dar tan-nanna, id-daħk u l-biki jinstema' mit-tarf tat-triq ta' barra. Malli jinfetaħ il-bieb kienet tinxtamm riħa qawwija ta' kafè u fil-bieb kienet tilqagħna t-tbissima taz-ziju. Fuq il-lemin tal-kamra kien hemm vetrina kbira mimlija kotba, iżda jien li kont tifla ta' erbgħa snin, ma kellix moħħ il-kotba. Jien kont immur dritt għal ġol-kamra tan-nanna, u malli tilmaħni, wiċċ in-nanna kien jixgħel u kienet tiċċaqlaq kif setgħet sabiex tagħmel post għalija fuq is-sodda, il-post li kont nieħu ħdejha kull ġimgħa, riservat għalija.

Malli naslu z-ziju kien jixgħel il-kitla. Għax għalkemm diġà jkunu ħadu xi ġiex tazzi, ommi u z-ziju kienu jixxennqu għal belgħa te sħuna fil-kesħa li konna nħossu ġo dik id-dar antika. Ommi malajr kienet issib x'tgħid u kienu jaqbdu d-diskors hi, in-nanna u z-ziju, u waqt li missieri kien iferra' l-birra fit-tazza tiegħu u tan-nanna, kien jgħaddi xi kummenti 'l hemm u 'l hawn u jifqa' lil kulħadd bid-daħk.

Sadanittant ħuti kienu jsibu posthom bilqiegħda mal-mejda ż-żgħira ta' quddiem is-sodda tan-nanna, imma ħija ma tantx kien idum hemm għax dejjem kien moħħu biex jiċċaqlaq u jaqla' l-inkwiet. Oħti kienet toqgħod tilgħab ma' ħija jew tara t-televixin jew anki tirrakkonta xi storja. Malli kont ngħid lin-nanna biex naraw it-televixin, qabel ma nlissen kelma oħra diġà kienet tkun taf xi rrid nara u kienet tqalleb l-istazzjonijiet sakemm tasal fuq Animal Planet.

Ommi ma kinitx tieħu pjaċir bl-għażla li naraw Animal Planet u malli kienet tara d-dmija kienet tispiċċa targumenta man-nanna għax "mhux programm tat-tfal".

In-nanna eventwalment kienet iċċedi u tqalleb l-istazzjon, iżda mbagħad konna nispiċċaw niġġieldu jien u ħija għax jien kont inkun irrid nara l-Animali Planet filwaqt li hu kien ikun irid jara SpongeBob Square Pants. In-nanna mal-ewwel kienet issolvi l-problema billi tfakkarni fil-pupi li kont nieħu miegħi. Jien li kont ferħana bil-pupi sbieħ, kien itirli kull ħsieb li kien għad fadalli fuq Animal Planet u kont minflok immur niġri inġibhom. Wara li nfakkar lin-nanna x'jisimhom il-pupi, konna nilagħbu bihom jien u oħti, u ġieli kienet tilgħab magħna n-nanna ukoll, iżda wara ftit kienet tinbela' mid-diskussjoni li kienet tkun għaddejja bejn ommi, iz-ziju u missieri. Wara li nieklu n-nanna kienet toffrilna l-wafers taċ-ċikkulata li jien u ħuti, ta' tfal żaqqiqin li konna, qatt ma konna nirrifjutaw.

Mill-ewwel darba li rajt Animal Planet ma' nannti l-imħabba li għandi lejn l-annimali kompliet tikber u kull darba li nara xi programmi tal-annimali niftakar fin-nanna u fir-relazzjoni li kelli magħha. Illum il-ġurnata sirt narah fil-kamra tal-ġenituri tiegħi u meta jkollha ċans tiġi ħdejja ommi. Il-wafers taċ-ċikkulata issa jixtrihomna missieri u għalkemm issa jien u ħuti kbirna, xorta għadna nifirħu bihom daqslikieku għadna tfal żgħar. U waqt li nikluhom nintilfu fil-memorji li għadhom ħelwin daqs il-wafers taċ-ċikkulata.

Ta' tifla ta' sitt snin, ma stajtx naqbad art x'kien qed jiġri u donnu ħadd ma seta' jispjegali mingħajr ma titlagħlu għoqla fi griżmejh. Min jerfagħni, min ibusni u min isabbar lil familti, filwaqt li jiena mitlufa fis-sens ta' ambigwità, donni weħilt ġo ħolma kerha ta' dwejjaq u solitudni. Ma' kull demgħa li ħalliet passaġġ imxarrab fuq ħaddejn ħuti u ommi kont lesta biex nibki għadira magħhom. Iżda jekk nibki jaħsbuni li fhimt jew jaħsbuni qed nagħmilha ta' tarbija?

Kont imdawra bin-nies iżda jien lilek bdejt nistenna nanna. Smajt ismek kemm-il darba iżda inti qisek ħadtha bis-serjetà l-logħba ta' noli għax jien bqajt ma sibtek qatt. Mort wisq 'il bogħod nanna. Ejja lura għax bintek mhix tħallini nitlaq minn ħdejha u jien għejejt infittex. Ejja lura forsi tieqaf tibki l-mamà. Ejja lura u busna ħa nxommu għall-aħħar darba r-riħa tal-birra f'ħalqek u naraw l-oċean ikħal f'għajnejk. Ejja lura u għidli għala kulħadd inħakem mid-dwejjaq. Ejja lura u għinni nifhem. Issa

kbirt, nanna, m'għadnix tifla fraġli ta' sitt snin, jekk jogħġbok ejja lura u weġibli ftit mistoqsijiet u tinkwetax, din id-darba nifhmek żgur għax issa niflaħ għaliha l-verità.

Bil-mod il-mod qed ninsa, nanna. Ejja malajr qabel jiġi żmien meta moħħi jimtela' bis-sħab iswed u l-memorji jiċċajpru. Nipprova niftakar iżda kollu għalxejn għax daqt ninsa kollox. Imbagħad jifdal biss memorji vojta. U l-ħoss tal-ħabbata jibqa' jirbombja f'moħħi.

—

Sven Demicoli

## Fejn il-Qalb Tistrieħ

Din il-Kappella ilha tistennieni mis-seklu sbatax. Il-Kappella ta’ San Pietru jew il-Kappella tal-Adorazzjoni, demgħa ta’ ferħ u trankwilità għalina l-Qriema Ġorġjani. Bieb dejjem miftuħ sat-tmienja ta’ filgħaxija malajr wassalni għal direzzjoni waħdanija. Xħin nitfa’ l-ewwel sieq fuq it-tarġa tal-Kappella, jilqagħni Sultan ħanin f’Ewkaristija ċkejkna. Dan l-ispazju kwiet lili ttrasformani u kabbarni.

Kull darba li nidħol f’din il-Kappella nsib l-istess uċuħ li bil-mod saru parti minn dan l-ispazju sagru. Il-maġġoranza huma anzjani, nies li forsi s-soċjetà tibda tinsa, imma li hawnhekk isibu kenn u ferħ. Xi drabi, għajnejhom jgħidu ħafna iktar minn kliemhom, xrar ta’ fidi li baqa’ jixgħel minkejja l-maltemp tal-ħajja. B’idejhom bil-mod jersqu biex ipoġġu fuq siġġu quddiem it-tabernaklu, iħallu s-skiet jitkellem. U jiena hemm magħhom, f’komunjoni siekta. Hawnhekk ħadd ma jħossu waħdu.

Imma hemm xi ħaġa oħra li dejjem tagħmel dan il-post tant speċjali għalija: il-preżenza tal-imħabba. Mhux biss dik li tinħass minn Ġesù Ewkaristija imma dik li tgħix fostna, fil-mod kif inħarsu lejn xulxin, fil-kelma tajba li tintqal b’ton ta’ ġentilezza, fil-mod kif it-talba ta’ xi ħadd tinfed is-skiet. Il-Kappella mhijiex biss ġebla u storja; hija xhieda li l-imħabba tinstab fejn hemm qalb miftuħa għaliha. F’din il-Kappella żgħira, il-ħitan jafu bosta stejjer ta’ qalb li tħobb u ta’ ruħ li ssib serħan.

U jekk in-nies jagħtu ħajja lill-Kappella, is-sensi jagħmlu l-esperjenza tiegħi sħiħa. Ix-xemgħat jaħarqu bi ħlewwa, u d-dawl artab tagħhom jixħet dellijiet fuq l-artal, u f’dak il-mument nintebaħ li dan mhux sempliċi post: huwa mument ta’ eternità. Ir-riħa ta’ inċens, ħafifa imma preżenti, tintefa’ fuq l-ilma tal-ħajja tiegħi bħallikieku tippurifikani. U s-skiet, dak is-skiet li f’ħafna postijiet ikun skandaluż, hawnhekk isir ħabib. Ġo fih nisma’ l-eku tal-qalb tiegħi, nisma’ lil Alla jitkellem sotto voce, f’leħen li ma jċanfarx imma jsejjaħ.

—